Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2018/C 12/07)



Il-wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Spanja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ([1]). F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti ta' EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkollu rilevanza simbolika għolja f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita: Spanja

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-50 anniversarju tar-Re FELIPE VI

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn jirriproduċi l-istemma araldika tar-Re Felipe VI. Fuq in-naħa tax-xellug, f'nofs ċirku, hemm il-kelma "ESPAÑA" u taħtha s-sena tal-ħruġ 2018. Fin-naħa ta' isfel fuq il-lemin, f'nofs tond, hemm l-iskrizzjoni "50 ANIVERSARIO DE S.M. FELIPE VI". Il-marka taz-zekka hija rappreżentata fin-naħa ta' fuq fuq il-lemin.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 400 000

Data tal-ħruġ: l-1 ta' Frar 2018

([1]) Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).